# GIOVANNA MANCHÈ (1845-1921)

## *Il-Benefattriċi tal-Ġiljuwa tal-Fidda għall-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju*

Kitba ta' Dr Richard Manchè

**Nota Editorjali**

Fl-1992 konna ppubblikajna novella dwar it-tradizzjoni verbali li l-ġiljuwa tal-fidda f'id l-anġlu tal-Madonna tal-Ġilju kienet saret mill-familja Manchè wara wegħda devozzjonali u fejqan mirakoluż. Illum ninsabu fi stat li dik in-novella niddokumentawha u nikkonfermaw il-validità tagħha. Dan wara li s-Sur Charles Farrugia kkuntattja lil wieħed mill-eredi ta' Giovanna Manchè li fil-fatt iddonat il-ġiljuwa tal-fidda fl-1902. Dr Richard Manchè laqa' bil-ferħa l-informazzjoni li għaddielu s-Sur Farrugia u minn hawn nibtet ħbiberija li rriżultat fil-konferma ta' din l-istorja. Fil-fatt Dr Manchè kkonsulta d-dokumenti tal-familja u kkonferma li l-persuna involuta kienet Eleonora Manchè li wara l-wegħda li saret mal-Madonna tal-Ġilju fieqet mill-marda li kellha. Minn dakinhar 'il quddiem fil-familja bdew jirreferu għaliha bħala Lily. Dan jaqbel eżatt ma' dak li kienu jirrakkontaw l-anzjani tagħna u li rrapportajna fl-istess rivista xi snin ilu. Dr Richard Manchè kien ukoll ġentili biżżejjed li jiktbilna bijografija tas-Sinjura Manchè kif ukoll jipprovdilna r-ritratt li qed nippubblikaw ma' dan l-artiklu. Minn hawn nirringrazzjaw lil Dr Manchè u l-familja tiegħu tal-ġentilezza tagħhom.



*Is-Sinjura Giovanna Manchè (1845-1921).*

Giovanna twieldet nhar is-7 ta' Settembru 1845, bint il-Kaptan Vincenzo Micallef u Teresa née Inglott. Twieldet u għexet f'Bormla sal-1863. Fl-età ta' 18-il sena żżewġet lill-Kurunell Engerer, ferm ikbar minnha fl-età u li kien jokkupa l-kariga ta' Postmaster General. Mill-ewwel żwieġ tagħha li minnu romlot fl-1871, kellha tifel Henry (1871-1920). F'dan il-perjodu Giovanna kienet toqgħod f'numru 33 Strada Alessandro fil-Belt Valletta (fejn illum hemm il-Burger King fi Pjazza Ħelsien). Dan il-post m'għadux jeżisti peress li ġġarraf fl-1941 waqt bumbardamenti mill-għadu. Kien post li joffri dehra mill-isbaħ tat-Teatru Rjal fejn Giovanna kienet tmur spiss sabiex issegwi l-attivitajiet teatrali. Kien mill-istess tieqa tad-dar tagħha fil-Belt li tefgħet ħarsitha fuq ir-raġel futur tagħha hu u ġej u sejjer għax-xogħol fl-Isptar Ċentrali tal-Furjana. Lorenzo Manchè kien joqgħod f'numru 112, Triq l-Ifran, flimkien ma' missieru Giovanni (1816-1886), li kien arġentier u ommu Euphemia née Calleja. Kienet l-istess Giovanna li kitbet lil Lorenzo u pproponietlu li jiżżewġu.[1]

Lorenzo ħasibha darbtejn. Dan peress li Giovanna kienet ta' klassi soċjali ferm ogħla minn tiegħu, kemm min-naħa tal-ġenituri tagħha kif ukoll miż-żwieġ tagħha ma' l-ewwel raġel. Lorenzo kien ħbieb ukoll mal-Professur Salvatore Pisani li kien jiġi l-kuġin ta' Giovanna. Pisani kien jammira ferm lil Lorenzo tant li fl-1870 kien ħallaslu l-vjaġġi lejn Londra u Pariġi sabiex jispeċjalizza fl-Oftalmoloġija. Din il-ħbiberija kompliet wittiet it-triq lejn iż-żwieġ ta' Lorenzo ma' Giovanna li seħħ fil-21 ta' Novembru 1872, fil-knisja tal-Vitorja ġewwa l-Belt. Hi kellha 27 sena filwaqt li Lorenzo kellu 25 sena.

Minn Lorenzo, Giovanna kellha sebat itfal kif ukoll rabbiet lil Henry Engerer li aktar tard sar ukoll Postmaster General. Mit-tfal li għexu nsibu lil Ellen mart Ignazio Psaila M.D., Charles laħaq tabib u kompla fuq il-passi ta' missieru bħala speċjalista ta' l-għajnejn u Surġent fl-Army, Marija żżewġet lil George Falzon L.P. li kien avukat tat-tajjeb, u Eleonora li żżewġet lil Ġużeppi Attard impjegat promettenti fiċ-Ċivil. Minkejja t-taħbit tat-trobbija tat-tfal, Giovanna kienet iżżomm ruħha aġġornata ferm fil-qari u

kienet abbonata f'diversi rivisti ta' l-arti kemm Ingliżi kif ukoll Taljani. Kienet tħobb ferm l-annimali u minbarra kelb kienet trabbi wkoll xadina.

Giannina, kif kienet magħrufa minn żewġha u ħbiebha, kienet Kattolika prattikanti ferm. Fi triqtha lejn il-knisja tal-Vitorja fejn kienet tmur ta' kuljum għall-quddies, kienet spiss tieqaf tammira l-ħiliet artistiċi tal-pittur Girolamo Gianni, jaħdem fl-istudju tiegħu fi Triq Franco, kantuniera ma' Strada Rjali.[2] Fil-fatt bdiet titgħallem l-arti għandu u b'hekk bdiet karriera ta' xogħlijiet artistiċi li fosthom jispikkaw il-veduti u aktar minn hekk kopji ta' xogħlijiet klassiċi.[3] Kienet tmidd idejha wkoll għall-iskultura u kellha kollezzjoni kompleta ta' bolli u *postcards*. Barra minn hekk kienet tħobb tikkultiva l-ġnien u xxettel pjanti li tiġbor waqt il-passiġġati li kienet tagħmel fil-widien qrib Marsaxlokk, fejn kien joqgħod kuġinuha, il-Professur Pisani. Jidher iżda li dawn id-delizzji ma kinux biżżejjed għas-Sinjura Manchè. Kienet ukoll dilettanta tat-tisjir kif tixhed kollezzjoni ta' kotba li kellha dwar dan is-suġġett kif ukoll ta' l-ibbalzmar ta' l-għasafar. Dan id-delizzju wassal sabiex għallmet lil neputiha jimmonta l-iskeletru ta' pappagall li permezz tiegħu rebaħ premju fl-Empire Exhibition fl-1924. Minbarra hekk, il-ġibda li kellha lejn l-ivvjaġġar wasslitha sabiex takkumpanja lil żewġha għal diversi kungressi mediċi f'diversi bliet Ewropej għan-nom tal-British Ophthalmic Society.



*Il-ġiljuwa tal-fidda donata mis-Sinjura Manchè fl-1902.*

Minkejja dawn id-delizzji kollha, Giovanna Manchè kienet medhija wkoll fuq għajnuna karitatevoli qawwija. L-akbar opera ta' karità kien it-twaqqif ta' l-Istituto Oftalmico ġewwa l-Ħamrun flimkien ma' żewġha Lorenzo u binha Charles. Hi ħallset l-ispejjeż kollha sabiex jitmexxa dan iċ-ċentru li kien joffri trattament lill-pazjenti mingħajr l-ebda ħlas. Żewġha flimkien ma' binha kienu joffru s-servizzi professjonali tagħhom volontarjament.

Fl-1902 in-neputija tagħha bl-isem ta' Eleonora ntlaqtet mis-Sandfly Fever.[4] Is-seftura li dak iż-żmien kienet taħdem mas-Sinjura Manchè nzertat mill-Imqabba u ħeġġet lil Giovanna sabiex tagħmel wegħda mal-Madonna tal-Ġilju u bħala rigal tagħti ġiljuwa tal-fidda peress li dik li kienet tintuża ma' l-istatwa kienet tkun waħda naturali. It-tifla fil-fatt fieqet u l-ġiljuwa ngħatat. Mhux magħruf jekk is-Sinjura Manchè ddisinjatx il-ġiljuwa hi stess jew inkella min kien l-arġentier. Diversi membri tal-familja Manchè għadhom jirreferu għall-persuna involuta bħala "Aunt Lily". Sa fejn jidher din kienet l-uniku konnessjoni tal-familja Manchè mal-parroċċa ta' l-Imqabba.

Għall-ħabta tal-1905 meta kellha madwar sittin sena, is-Sinjura Manchè żviluppat l-*arthritis* u kellha tqatta' l-aħħar ħmistax-il sena ta' ħajjitha ġewwa darha. Hawn kienet toqtol il-ħin tpinġi x-xeni li jidhru mill-gallarija li tagħti għal fuq it-Teatru Rjal, tiskolpi u tedha fid-diversi delizzji l-oħra li kellha. Fl-1908 wirtet lill-kuġin tagħha Salvatore Pisani, wirt li ħallielha fost oħrajn il-'Villa San Souci' f'tal-Marnisi ġewwa Marsaxlokk.

Fl-1910 Lorenzo rtira mix-xogħol u xtara dar fi Strada Marina ġewwa l-Gżira. Din id-dar bdiet tintuża mill-familja Manchè bħala residenza għas-sajf. Lorenzo miet fl-1921 u kien hawnhekk li Giovanna marret toqgħod għal kollox il-Gżira. Hi ħalliet din id-dinja fit-28 ta' April 1921, fl-età ta' 75 sena. "Giannina" kif kienet magħrufa tinsab midfuna fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata f'qabar privat, ħdejn żewġha Lorenzo. Hu miet fis-16 ta' Frar 1921 fl-età ta' 74. Fuq il-qabar insibu monument b'bust tal-bronż ta' Lorenzo li jfakkar għal dejjem lil din il-familja nobbli mhux biss mit-twelid iżda aktar mill-opri ta' benevolenza tagħhom.

1. Din l-ittra għadha teżisti fl-arkivju tal-familja Manchè peress li kemm Lorenzo kif ukoll Giovanna kienu jżommu d-dokumentazzjoni kollha.
2. Il-post illum hu okkupat minn S. Mifsud & Sons.
3. Ħafna minn dawn ix-xogħlijiet artistiċi għadhom miżmuma b'għożża mill-familjari.
4. Dan joħroġ ċar minn ittra li ssemmi l-kundizzjoni tat-tifla Eleonora, liema dokument għadu jifforma parti mill-kollezzjoni ta' korrispondenza tal-familja Manchè.